

Brussell, 18 ta' Lulju 2016
(OR. en)

11369/16

AGRIFIN 91
AGRI 425
VETER 77
ANIMAUX 22

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 18 ta' Lulju 2016

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 10994/16

Suġġett: Rapport Speċjali Nru 6/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ għat-trażżin tal-mard tal-animali"
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Lulju 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ għat-trażżin tal-mard tal-animali", adottati mill-Kunsill fit-3481 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Lulju 2016.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat

‘Programmi ta’ qerda, kontroll u monitoraġġ għat-trażżin tal-mard tal-annimali’

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' b'sodisfazzjoni r-Rapport Speċjali Nru 6/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ għat-trażżin tal-mard tal-annimali", li b'mod ġenerali kkonkluda li l-programmi dwar il-mard tal-annimali eżaminati mill-Qorti kienu jikkontrollaw b'mod adegwat il-mard tal-annimali;
- (2) JIRRIKONOXXI s-sejba tal-Qorti dwar l-importanza tal-aspett tal-organiżmi selvaġġi fil-ġlieda kontra l-mard tal-annimali u JILQA' l-impenn tal-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-programmi veterinarji jinkludu aspetti tal-organiżmi selvaġġi fil-programmi veterinarji meta xieraq;
- (3) JIRRIKONOXXI r-rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni għandha tappoġġa d-disponibbiltà tat-tilqim fejn ġustifikat epidemjoloġikament u JILQA' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni aċċettat din ir-rakkomandazzjoni;

- (4) JAQBEL li t-tifqigħat ta' mard dejjem jistgħu jseħħu, u li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikompli jkunu viġilanti; u JFAKKAR li "Liġi dwar is-Saħħa tal-Animali¹" mmirata lejn il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-animali li huma trasmissibbli lill-animali jew lill-bnedmin f'animali miżmuma, animali selvaġġi u prodotti tal-animali għet adottata fid-9 ta' Marzu 2016. Dawn ir-regoli huma magħmula mir-rekwiżiti għall-prevenzjoni mill-mard u l-istat ta' tħejjija għall-mard; sensibilizzazzjoni dwar il-mard; bijosigurtà; it-traċċabbiltà tal-animali u fejn meħtieġ il-prodotti tagħhom; l-ispostamenti interni fl-UE u d-dħul fl-UE ta' animali u prodotti tal-animali; is-sorveljanza; il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard; u miżuri ta' emerġenza;
- (5) JINNOTA s-sejba tal-Qorti li l-programmi eżaminati kienu mfassla u implimentati tajjeb u li l-Qorti nnutat ukoll xi oqsma speċifiċi b'lok għal titjib; u JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni taqbel li tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni epidemjoloġika bejn l-Istati Membri; u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jappoġġaw lill-Kummissjoni biex ikun hemm eżitu ta' suċċess;
- (6) JAQBEL li hemm hteġa li l-kosteffettività ta' nfiq veterinarju tkun aktar evidenti, iżda fl-istess ħin jinnota li l-kosteffettività tal-programmi hija diffiċli li tiġi stabbilita minħabba n-nuqqas ta' mudelli disponibbli għal analiżi bħal din; u għalhekk

¹ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1. Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-animali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-animali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Animali").

(7) JILQA' b'sodisfazzjon li l-Kummissjoni taċċetta li teżamina jekk is-sett eżistenti ta' indikaturi għandux jiġi aġġornat sabiex tiġi pprovduta informazzjoni aħjar dwar l-attivitajiet ta' kontroll veterinarju u l-kosteffettività tal-programmi; u JILQA' wkoll l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni Nru. 35 dwar l-Ekonomija tas-Saħħa tal-Annimali: l-ispejjeż Diretti u Indiretti ta' Epidemiji ta' Mard tal-Annimali, mill-Assemblea Dinjija tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) fis-27 ta' Mejju 2016² li tista' twassal għall-ġenerazzjoni ta' ġabra ta' data dwar il-piż ekonomiku ta' mard tal-annimali li jintużaw fit-tfassil futur ta' programmi ta' kontroll ta' mard.

² Ir-riżoluzzjoni tinsab fis-sit web tal-OIE:
http://www.oie.int/fileadmin/Home/eng/About_us/docs/pdf/Session/2016/A_RESO_2016_public.pdf